# FIL-QORTI ĊIVILI – SEZZJONI TAL-FAMILJA

## IMĦALLEF

## ONOR. IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum l-Erbgha, 19 ta' Jannar 2022

## RIKORS NUMRU : 62/2021/2ISB

**Fl-atti tal-Mandat ta' Zgumbrament nru 62/2021TA fl-ismijiet:**

**Joseph Spiteri (K.I. nru 570155M)**

**VS**

**Carmen Spiteri (K.I. nru 465460M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' Larken Spiteri u Leighann Spiteri, rispettivament bin-numri tal-karta ta' l-identita` 413789(M) u 181894(M) tal-21 ta' Dicembru 2021;

Rat id-digriet taghha tat-22 ta' Ottubru 2021;

Rat ir-Risposta ta' Joseph Spiteri tas-27 ta' Dicembru 2021;

Rat ir-Risposta ta' Carmen Spiteri tas-27 ta' Dicembru 2021;

Rat il-verbali tas-seduta mizmuma fis-17 ta' Jannar 2022;

Semghet it-trattazzjoni tal-abbli difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat**:

Illi ir-rikorrenti ahwa Spiteri qed jitolbu lil din il-Qorti sabiex *taghti direzzjoni lill-Marixall li jezegwixxi l-mandat ta' zgumbrament 62/2021 sabiex jaderixxi mad-Digriet tal-Qorti tal-Appell data 25 ta' Frar 2021, u dak tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) data 7 ta'April 2021 li t-tnejn huma limitati ghal zgumbrament mill-indirizz 103, Lechuza, Triq Giovanni Barbara, Hamrun, tal-intimata Carmen Spiteri biss*.

Illi d-digriet tal-Qorti tal-Appell tal-25 ta' Frar 2021 ighid espressament illi *s-sentenza hi applikabbli fil-konfront taz-zewg partijiet u billi l-intimata kellha sitt xhur mis-sentenza li fiha kellha ddum tirrisjedi fid-dar matrimonjali, tilqa' t-tielet talba ghall-izgumbrament tal-intimata*.

Illi d-digriet tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) tas-7 ta' April 2021 isegwi appuntu d-direzzjoni tal-Qorti tal-Appell bid-digriet minnha moghti kif fuq kkwotat.

**Ikkunsidrat ulterjorment**:

Illi r-rikorrenti jsostnu illi huma jirresjiedu fid-dar matrimonjali tal-genituri taghhom u allura ma ghandhomx jigu zgumbrati mid-dar peress illi l-Qorti ghal darba tnejn tlieta iddikjarat illi l-izgumbrament ghandu jkun biss u limitatament tal-omm, Carmen Spiteri, u mhux taghhom ukoll. Isostnu illi huma ghandhom jibqghu estraneji ghall-proceduri ta' zgumbrament.

Illi l-Qorti fliet ir-Rikors ghall-hrug tal-Mandat ta' Zgumbrament numru 62/21 li jinsab esebit in atti u minn qari tal-istess rikors, jirrizulta illi Joseph Spiteri qed jitlob lill-Qorti *joghgobha tordna l-hrug ta' mandat ta' zgumbrament <u>kontra l-intimata</u> (mill-fond infraskritt) in esekuzzjoni tas-senteza infraskritta, u <u>billi l-intimata</u> naqqset milli taghmel dan sal-llum*.

Illi l-Qorti qieset ukoll id-digriet tal-Qorti ghal din it-talba, u cioe` dak tas-7 ta' April 2021 minn fejn jirrizulta illi akkordat *it-talba kif mitluba fir-rikors odjern*.

**Ikkunsidtrat ulterjorment**:

Illi l-Qorti mkien mhi qed tirriskontra xi talba ghal zgumbrament tal-ulied hawnekk rikorrenti. It-talba maghmula u d-digriet illi jakkorda dik it-talba huma cari u ma jhallu ebda dubbju illi qed tigi ezegwita sentenza u digriet.

Illi l-pronunzjamenti tal-Qorti huma cari f'dak li ighidu u t-talba ghall-hrug tal-mandat ta' zgumbrament, jidher lil din il-Qorti illi saru fit-termini u in segwitu b'mod *fedel* tal-pronunzjamenti tal-Qorti, tant illi l-Mandat mitlub huwa dirett lejn l-intimata – u intimata wahda hemm - fl-isem ta' Carmen Spiteri ID 465460M.

Illi filwaqt illi hawnekk qed jintalab illi l-marixall jinghata direzzjoni, din il-Qorti tinnota illi l-marixxal mhux direzzjoni nghata fis-7 ta' April 2021, izda ordni biex jezegwixxi l-mandat, u minkejja illi din il-Qorti ssospendiet l-ezekuzzjoni tieghu fit-22 ta' Dicembru 2021, dan ghamlitu biss biex tiehu konjizzjoni, forsi ftit aktar approfondita, tal-vertenza.

Illi l-ordni lill-Marixxal hija cara u hija moghtija sabiex tigi zgumbrata l-hemmek intimata, u certament illi Marixxal ma ghandu bzonn ebda direzzjoni sabiex jezegwixxi Mandat tant semplici. Huwa ghalhekk illi din il-Qorti qed tqis illi t-talba hawnekk maghmula bhala li ma ghandiex mis-sewwa fil-fatt u fid-dritt, u dan minghajr pregudizzju ghal kwalsiasi azzjoni ohra illi r-rikorrenti jista` jidhrilhom opportune illi jiehdu.

**GHALDAQSTANT**, ghar-ragunijiet hawn fuq premessi, il-Qorti qeghda:

1. **Tirrevoka contrario imperio** il-paragrafu (a) tad-digriet taghha tat-22 ta' Dicembru 2021, ossia, fejn gew sospizi l-effetti tal-Mandat ta' Zgumbrament numru 62/2021;

2. **Tichad** it-talba mressqa minn Larken Spiteri u Leighann Spiteri, rispettivament bin-numri tal-karta ta' l-identita` 413789(M) u 181894(M) bir-rikors taghhom tal-21 ta' Dicembru 2021.

Spejjes ta' din il-proceduri li ghandhom jigu sopportati mill-istess rikorrenti.

Digriet kamerali moghti llum l-Erbgha 19 ta' Jannar 2022.

**Ian Spiteri Bailey**
**Imhallef**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Registratur**